**247. L-Onor. Mario de Marco, l-Onor.David Agius u l-Onor. Jason Azzopardi f'isem l-Oppożizzjoni jipproponu:**

Billi l-Gvern qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra nhar 1-14 ta' Mejju 2015 l-Avviż Legali 153 tal-2015 li fih l-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenżija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali;

Billi dan l-Ordni ġie ippubblikat mingħajr ebda konsultazzjoni mal-Oppożizzjoni, kontra dak li s'issa dejjem sar u ċjoè li kull emenda għal-Liġijiet li jirregolaw is-sistema tal-Gvern Lokali, inkluż l-infurzar lokali, dejjem kien sar, mhux biss wara konsultazzjoni bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni, iżda saħansitra bi qbil bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni;

Billi l-Oppożizzjoni temmen, u dan wettqitu bil-provi meta kienet fdata bil-Gvern, li l-ġebla tax-xewka tas-sistema ta' gvernar lokali għandu jkun il-prinċipju ta' sussidjarjetà;

Billi l-prinċipju tas-sussidjarjetà effettivament ifisser li d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu minn dawk li l-aktar huma milquta bl-impatt ta' dawk id-deċiżjonijiet u allura jfisser li d-deċiżjonijiet jittieħdu bl-inqas mod ċentralizzat u allura dawk il-mansjonijiet li jistgħu jiġu mwettqa b'mod effettiv f'livell lokali m'għandhomx isiru mill-awtorità ċentrali;

Billi t-tħaddim kif suppost tal-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa ġust, ta' fejda u ta' ġid għas-soċjetà u għall-membri tagħha u allura ċ-ċaħda ta' dan il-prinċipju joħloq inkonvenjent, tbatija u anke inġustizzji għall-istess membri tas-soċjetà tagħna;

Billi dan l-Ordni 153 tal-2015 huwa effettivament diktat tal-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali li bih qed joqtol u jidfen il-prinċipju tas-sussidarjetà fl-infurzar lokali u b'hekk jinfed u jferi proprju dak il-prinċipju elementari u kardinali li s'issa dejjem anima, xpruna, u mexxa s-sistema tal-Gvern Lokali;

Billi tant kemm dan il-prinċipju tas-sussidarjetà ġie mfarrak b'dan l-Avviż Legali 153 tal-2015 li qed jiċċentralizza kollox f'idejn l-id tal-Gvern, li fil-ll-il klawżola li fih, il-Ministru responsabbli jissemma xejn inqas minn tmien (8) darbiet, eżerċizzju asfissjanti ta' poter ċentralizzat u assolut minn Ministru li jrid joqtol kull sens ta' inizjattiva tal-Kunsilli Lokali;

Billi l-Ministru u l-Gvern ċentrali, hu min hu u huma min huma, min-natura tagħhom qatt ma jistgħu jkunu jafu x'jeħtieġu tassew in-nies li jirrisjedu fil-Kunsilli Lokali u l-iktar awtorità li taf tassew x'inhu bżonnjuż, meħtieġ u xieraq għal dik il-lokalità partikolari u l-abitanti tagħha huma dejjem il-Kunsilli Lokali eletti minn dawk l-istess abitanti;

Billi dan l-Avviż Legali 153 tal-2015 huwa d-daqqa mortali għall-awtonomija tal-Kunsilli Lokali peress li l-Aġenżija li qed titwaqqaf ser twettaq dak li s'issa dejjem twettaq mill-Kunsilli Lokali li huma eletti demokratikament;

Billi konsegwenza tat-twaqqif ta' din l-Aġenżija, il-Gvern ħatar persuna tal-fiduċja tiegħu biss u mingħajr konsultazzjoni mal-Oppożizzjoni jew mal-AKL biex iwettaq dak li r-rappreżentanti eletti mill-poplu fil-Kunsilli Lokali huma f'pożizzjoni ferm aħjar li jwettqu u li fil-fatt s'issa dejjem wettqu;

Billi tant kemm il-Gvern ma jimpurtahx għax ma jemminx fil-Kunsilli Lokali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà li l-Avviż Legali 153 tal-2015 imkien ma jsemmi r-rwol tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li tirrappreżenta lill-Kunsilli li huma eletti direttament mill-poplu u imkien

ukoll ma jsemmi r-rwol tar-reġjuni u imkien ma jsemmi r-rwol tas-settur privat fl-infurzar lokali;

Billi dan l-Avviż Legali 153 tal-2015 joħloq staffa ġdida ta' burokrazija li ħa tkun ta' skumditá kbira u tbatija bla bżonn għar-residenti u għall-Kunsilli Lokali nfushom;

Billi l-Aġenzija li qed titwaqqaf b'dan l-Avviż Legali 153 tal-2015 ser ikollha, min- natura tagħha, elementi preponderanti ta' suġġettività fejn isir jew ma jsirx infurzar lokali b'deċiżjoni meħuda minn persuna maħtura mill-Gvern ċentrali għax hi tal-fiduċja tal-Gvern ċentrali;

Billi din is-soġġettività u arbitrarjetà ser toħloq periklu serju ta' preferenzi, u allura ta' inġustizzji, jekk mhux ukoll ta' tentazzjonijiet agħar minn hekk, fejn isir jew ma jsirx l -infurzar lokali;

Billi l-Aġenzija li qed titwaqqaf b'dan l-Avviż Legali 153 tal-2015, u l-Uffiċjal Eżekuttiv li ser imexxiha, maħtur direttament mill-Ministru għax tal-fiduċja tal-Ministru, qatt ma tista' tkun taf tassew x'inhuma 1-esiġenzi tal-lokalitajiet f'Malta u Għawdex;

Billi bit-twaqqif ta' din l-Aġenzija li ser tiċċentralizza l-operat kollu tas-sistema tal-infurzar lokali, meta tali funzjoni hija lokali, effettivament ser jibda jkollna l-infurzar tal-Ministru tal-Gvern;

Billi tant kemm il-Ministru jrid jikkontrolla kollox hu għax jemmen li hu għandu jkun l-alpha u l-omega tal-infurzar lokali li saħanistra l-Bord Konsultattiv imwaqqaf fil-klawżola 10 tal-Avviż Legali 153 tal-2015 huwa kollu kemm hu appuntat mill-Ministru biex ikun il-Bord tal-Ministru, u mank id-deċenza li s-Sindki, kunsilliera jew l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jkunu konsultati;

Billi l -prijoritajiet tal-Aġenzija li qed titwaqqaf bl-Avviż Legali 153 tal-2015 qatt ma jistgħu jkunu dawk tal-Kunsilli Lokali rispettivi, huma liema huma;

Għal dawn ir-raġunijiet prinċipali jeħtieġ għalhekk illi l-Avviż Legali 153 tal-2015 ikun revokat u għalhekk din il-Kamra tirriżolvi u tiddeċiedi li l-Avviż Legali 153 tal-2015 ikun revokat, annullat u dikjarat bla ebda effetti fil-liġi għax imur kontra l-interess tal-Kunsilli Lokali f'Malta u f'Għawdex u r-residenti tagħna lkoll, u issir konsultazzjoni mal-partijiet kollha biex verament tinstab sistema li jkun hemm kunsens fuqha mill-partijiet kollha involuti fit-tħaddim tas-sistema tal-Infurzar Lokali.

09.06.2015

**Il-mozzjoni m'għaddietx fis-Seduta 294 tat-Tnejn, 20 ta' Lulju 2015.**